~72

K

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 239/13 (JE).

Sandra u Noel Falzon

vs.

Katrina Miles Bonett eżerċenti l-kummerċ bħala "Jack N' Jill Child Day Car Learning Centre".

Illum, 14 ta' April 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż ta' Sandra u Neil Falzon tas-16 ta' Ottubru 2013 illi permezz tiegħu talbu il-mitejn u ħamsin euro (€ 250) li kienu ħallsu lill-konvenuta sabiex it-tifel tagħhom jinżamm fiċ-"child day care centre" immexxi minnha u dana peress illi t-tifel ma kienx qed jingħata l-attenzjoni li kellu bżonn u minħabba nuqqasijiet oħra.

Ra illi l-konvenuta minkejja illi kienet debitament notifikata, ma daħħlietx risposta u għalhekk, waqgħet kontumaċi.

Sema' l-provi tal-atturi.

Ikkunsidra.

Illi fin-nuqqas ta' kontestazzjoni u fid-dawl tal-provi prodotti, jidher illi huwa minnu illi ċ-"child day care centre" in kwistjoni kellu bosta nuqqasijiet kif allegat. Ġie ppruvat ukoll illi l-atturi ħallsu € 227.40 matul ix-xahrejn illi t-tifel tagħhom iffrekwenta ċ-"child day care centre" in kwistjoni. Madankollu, it-Tribunal ma jidhirlux illi tali nuqqasijiet jintitolaw lill-atturi għal rifużjoni sħiħa tal-ammont imħallas.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal qed jilqa' in parti t-talba tal-atturi u jordna l-ħlas tas-somma ta' € 75 da parti tal-konvenuta għar-raġunijiet premessi u dana bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-avviż.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.